# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 15**
**Rikors numru 303/2018 AF**

**Kummissarju tat-Taxxi**
***v.***
**Margaret Gerling**

1. Dan huwa appell ta' Margaret Gerling minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taħt id-disposizzjonijiet tal-Ordni dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri oħra [L.S. 460.08]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'rikors tal-4 ta' April 2018 il-Kummissarju tat-Taxxi talab ir-reġistrazzjoni ta' dokument maħruġ mill-awtoritajiet fiskali ta' Franza taħt il-L.S. 460.08 sabiex dak id-dokument jitqies titolu esekuttiv għall-irkupru ta' taxxa u mgħaxijiet relativi dovuti lill-istess awtoritajiet fiskali ta' Franza. B'dikriet tat-12 ta' April l-ewwel qorti ordnat notifika lill-parti

l-oħra – l-appellanti tallum – b'għaxart ijiem biex twieġeb. In-notifika saret fit-8 t'Awissu 2018 u għalhekk iż-żmien għat-tweġiba kellu jagħlaq fit-18 t'Awissu 2018. Billi iżda t-18 t'Awissu 2018 kien il-jum tas-Sibt iż-żmien għat-tweġiba għalaq nhar it-Tnejn 20 t'Awissu 2018. Fil-fatt l-appellanti wieġbet fl-20 t'Awissu 2018 u opponiet għat-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi.

3. Minkejja dan, l-ewwel qorti fl-20 t'Awissu 2018 tat dan id-dikriet:

> »Il-qorti:
>
> »reggħet rat ir-rikors;
>
> »rat li minkejja d-debita notifika skond kif ordnat minn din il-qorti permezz tad-digriet precedent baqgħet ma tressqet ebda tweġiba;
>
> »rat id-dokumenti:
>
> »tilqa' t-talba kif dedotta.«

4. Wara li t-tweġiba nġiebet quddiemha, l-ewwel qorti b'dikriet ieħor tal-4 ta' Settembru 2018 ipprovdiet hekk:

> »Il-qorti:
>
> »rat ilium ir-risposta li kienet ġiet imressqa fl-20 ta' Awissu 2018;
>
> »tinnota li ġaladarba kien ingħata digriet finali tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-atti b'riżerva ta' kull dritt spettanti lir-rikorrenti skond il-liġi.«

5. B'rikors tas-7 ta' Settembru 2018 l-appellanti talbet illi l-qorti tħassar *contrario imperio* d-dikrieti tagħha tal-20 t'Awissu 2018 u tas-7 ta' Settembru 2018. B'dikriet tat-8 ta' Jannar 2019 fuq dan ir-rikors l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »Il-qorti:
>
> »reġgħet rat ir-rikors;
>
> »rat it-tweġiba;
>
> »reġgħet fliet l-atti kollha;
>
> »tiċħad it-talba u tikkonferma d-digriet tagħha tal-20 ta' Awissu 2018.«

6. Margaret Gerling resqet appell b'rikors tat-28 ta' Jannar 2019 l-għalih il-Kummissarju tat-Taxxi wieġeb fit-18 ta' Frar 2019.

7. L-appellanti fissret l-aggravju u t-talba tagħha hekk:

> »… … … ma jfeġġ l-ebda dubju illi r-risposta tal-esponenti daħlet fiż-żmien iddettat mill-ewwel onorabbli qorti u għalhekk l-ewwel onorabbli qorti Agħar minn hekk, dak deċiż permezz tad-digriet tal-20 t'Awissu 2018 reġa' ġie kkonfermat permezz tad-digriet tal-4 ta' Settembru 2018 u għal darb'oħra permezz tad-digriet finali mogħti fit-8 ta' Jannar 2019.
>
> »Għaldaqstant u *in vista* tas-suespost, filwaqt li tagħmel referenza għar-risposta mressqa quddiem l-ewwel onorabbli qorti, l-esponenti umilment titlob lil din l-onorabbli qorti jogħġobha tirrevoka … d-digriet finali mogħti mill-ewwel onorabbli qorti … … …«

8. Din il-qorti tqis illi jista' jkun illi l-ewwel qorti forsi mxiet ħażin meta, bid-dikriet tal-4 ta' Settembru 2018, meta t-tweġiba tal-appellanti nġiebet quddiemha, għażlet illi "tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-atti" flok tħassar *contrario imperio* l-ewwel dikriet (dak tal-20 t'Awissu 2018) biex tiddeċiedi fuq ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxa wara li tkun qieset it-tweġiba tal-appellanti. Madankollu, meta fid-dikriet tat-8 ta' Jannar 2018 osservat illi "reġgħet fliet l-atti kollha", effettivament qieset mill-ġdid it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi u, wara li din id-darba qieset ukoll it-tweġiba tal-appellanti, waslet għall-istess konklużjoni, *viz.* li tilqa' t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi. Meta qieset ukoll it-tweġiba tal-appellanti fost "l-atti kollha" li fliet, l-ewwel qorti effettivament ħarset il-jedd tad-difiża tal-appellanti; il-L.S. 406.08 ma jimponix fuq il-qorti obbligu li tisma' wkoll trattazzjonijiet bil-fomm, u l-ewwel qorti setgħet validament taqta' l-każ fuq l-atti bil-miktub kif fil-fatt għamlet meta tat id-dikriet tat-8 ta' Jannar 2019, ukoll jekk naqset

milli tagħmel hekk meta tat id-dikrieti tal-20 t'Awissu 2018 u tal-4 ta' Settembru 2018.

9. Għal dawn ir-raġunijiet l-aggravju tal-appellanti msejjes fuq l-argument illi l-ewwel qorti "iddeċidiet fuq il-mertu mingħajr ma ħadet konjizzjoni ta' dak eċċepit fir-risposta … u mingħajr ma tat id-dritt spettanti lill-esponenti li tressaq il-każ tagħha" huwa miċħud.

10. Ma tressaq ebda aggravju fuq il-meritu tad-deċiżjoni tal-ewwel qorti.

11. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma d-dikriet tat-8 ta' Jannar 2019.

12. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom l-appellanti.

Joseph Azzopardi
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr